**MNUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn (3)**

**17 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsabfi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.38 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Sindku**

**Aaron Agius- Viċi Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**



mm
VC

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ppresieda l-laqgħa.

**3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

3.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 1 u Nru 2**

3.2.1 Il-minuti tal-ewwel u t-tieni laqgħa ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Aaron Agius assestjena hekk kif hu kien indispost għall-ewwel żewġ laqgħat tal-Kunsill. Il-minuti ġew approvati mill-bqija membri tal-Kunsill wara li saret korezzjoni fil-Minuti Nru 2.

3.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħat għalhekk ġew iffimati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**3.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

3.3.1 Is-Sindku rrefera għall-problema ta' nuqqas ta' privatezza fl-uffiċini. Il-Kunsill iddiskutta diversi alternativi kif possibilment jistgħu jitqassmu l-uffiċini imma ma nstabet l-ebda soluzzjoni. Il-Kunsill qabel li kellha tintbagħat talba lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Priniċipal tal-Kulleġġi f'Għawdex biex dejjem jekk possibli jċedu kamra mill-uffiċini tagħhom hekk kif dan jinsabu maġenb eżatt il-Kunsill.

3.3.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu 5 Electric Bikes li kienu tqassmu 'il fuq minn sena ilu lill-Kunsill li baqgħu ma tqassmux lill-żgħażagħ li kienu applika taħt din l-iskema f'Marzu li għadda. Is-Sindku spjega li jħoss li dawn kellhom jitqassmu minnufih. Il-Viċi Sindku staqsa għal-lista tal-applikanti li ġiet provduta waqt il-laqgħa stess. Il- Viċi Sindu oppona hekk kif spjega li la issa kienet bdiet leġislatura kellha toħroġ sejħa mill-ġdid. Il-Kunsill wara li ddiskuta iddeċieda li kellu jara li l-applikanti għadhom eliġibbli u toħroġ sejħa għar-roti li jibqa' wara li jsir dan l-eżerċizzju.

3.3.3 Is-Sindku rreferra għall-bżonn immedjat ta' traffic management fi Triq Marsalforn speċjalment fl-ewwel parti. Il-Kunsill qabel li dan għandu jkun l-ewwel biċċa xogħol tal-perit il-ġdid tal-Kunsill wara li jiġi evalwat it-tender u ffirmat il-kuntratt tal-Perit. Il-Kunsill iddiskutta Triq Il-Knisja partikolarment fejn il-Loġġa fejn kien hemm qbil li l-Kunsill kellu jibgħat talba lil Transport Malta biex isiru *Stop Signs.* Il-Kunsill iddiskutta li



mk VC

fil-passat kien diġa' tħejja *traffic management* fuq din it-triq. Is-segretarju ħadet nota biex tiċċekja mal-Perit Xuereb fuq dan. Il-Kunsill iddiskutta li għandu jibgħat talba għar-*refreshing* ta' sinjali sofor u *stop signs* fil-bidu ta' din it-triq min-naħa tas-Sellum.

3.3.4 Is-Sindku rrefera għal bżonn tat-tindif tal-*culverts* madwar ix-Xagħra qabel l-ewwel xita. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li kellha tintbagħat talba lill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar biex wieħed jara jekk il-Ministeru jistax jassisti f'dan ix-xogħol. Is-Sindku spjega li fil-jiem li ġejjin kien se jinqata' l-ħaxix ta' Għajn Ħosna mill-istess ministeru u anke jissokta x-xogħol f'Wied Ir-Ramla fil-ġimgħat li ġejjin.

3.3.5 Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill jidħol fi ftehim mal-klabb tal-futbol biex jieħdu ħsieb it-tindif u l-manitenzjoni tal-bandli tax-Xagħra anke peress li hemm il-grawnd tal-futbol biswit il-bandli. Il-Viċi Sindku rrimarka li diġa' hemm ħaddiem allokat mal-Kunsill li xogħlu jinkludi ż-żamma ta' dan il-bandli u għaldaqstant kien tal-opinjoni li sakemm dan il-ħaddiem jispiċċa ma jkunx għaqli li l-Kunsill jidħol fi spejjeż addizjonali. Peress li dan il-ħaddiem kien daqt jirtira, il-Kunsill qabel li għandu jara jekk hemmx interess min-naħa tal-futbol u jibda jipprepara t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt waqt li jirreferri għal-kuntratt simili li kien sar fil-passat. Il-kuntratt kellu jiġġedded kull tlett xhur. Il-Kunsilliera Leanne Micallef issuġġerriet li anke partijiet oħra jitnaddfu bl-involviment ta' għaqdiet non-governattivi fir-raħal.

3.3.6 Is-Sindku ppropona li hekk kif il-Kunsill kien fil-bidu tal-leġislatura ġdida jistieden lill-isqof Anton Teuma, l-Arċipriet Richard Farrugia, Viċi Arċipriet Michael Galea u rettur ta' Nażżarenu Rev Charles Sultana għal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel u s-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tibgħat din l-istedina.

## 3.4 Dekasteri

3.4.1 Is-Sindku kkomunika kif ġew imqassma d-dekasteri.

**Sindku Victor John Curmi:**

Infrastruttura u Proġetti ( Fondi mill-Unjoni Ewropea inklużi)

Attivitajiet Kulturali u Soċjali

Anzjani



mg VC

**Viċi Sindku Aaron Agius**

Wirt Storiku u Kulturali

L-Integrazzjoni Soċjali

Separazzjoni tal-Iskart

**Minority Leader Dr Francienne Muscat**

Żgħażagħ u Tfal

Attivitajiet Sportivi

Ħarsien tal-Annimali

**Dr Kevin Cutajar**

Aċċessibilta' u l-Inklussivita'

Saħħa Pubblika u Sigurta'

Relazzjonijiet mal-Għaqdiet Soċjali u mhux governattivi

**Marion Portelli**

Negozju u Kummerċ

Komunitajiet

Qasam Soċjali

**Dr Christian Zammit**

Ġemellaġġi

Ambjent



MU
JC

Turiżmu

**Leanne Micallef:**

Edukazzjoni u Librerija

Innovazzjoni

Indafa Pubblika

**3.5 Korsijiet tul is-sajf**

3.5.1 Is-Sindku kkomunika li kellu laqgħa mal-koordinatur tal-korsijiet li ttelgħu s-sajf li għadda fejn iddiskutew il-possibilta' li jsiru 6 sessjonijiet ta' tagħlim varjat bi spiża ridotta għal tfal bejn l-erbgħa u d-disgħa snin. Il-membri tal-Kunsill qablu li dawn is-sessjonijiet kellhom isiru bl-ewwel sessjoni tkun is-Sibt 27 ta' Lulju mid-9.30am sal-11.30am.

3.5.2 Il-Kunsill qabel li mal-applikazzjoni kellhom jitħallsu €20 il-Kunsill.

**3.6 Proġett tal-Ismart Depots**

3.6.1 Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li kellu mas-Sur Franco Schembri u s-Sur Jason Vella fejn kienu spjegaw x'jinvolvi l-proġett li għalih il-Kunsill kienu iggwadanja minn €130,000 f'fondi u x'kien baqa' jsir biex dan il-proġett ikun jista' jiġi varat. Is-Sindku spjega li dan kien proġett pilota fejn ġew magħżula l-Kunsilli tax-Xagħra u l-Munxar fejn dawk li jaqgħu taħt HORECA jistgħu jagħmlu użu mis-sistema ta' Smart Bins installati. Kull stabbiliment parteċipant juża *card* mogħtija biex jkun jista' jiddisponi minn skart separat. Ġaladarba l-fondi mgħoddija lill-Kunsill taħt dan il-proġett jiġu eżawriti l-Kunsill mhux obbligat li jibqa' għaddej b'dan il-proġett

3.6.2 Is-Sindku ppreżenta *draft* tal-ftehim li kienu għaddew ir-rappreżentanti mis-Circle Economy Malta waqt li talab lil sħabu l-kunsilliera avukati fi ħdan il-Kunsill biex jarawh qabel dan ma jiġi ffirmat minnu u mis-segretarju.

3.6.3 Il-Kunsilliera Marion Portelli issuġġerriet li għandha ssir laqgħa mal-istabilimenti biex b'hekk ikunu nfurmati kif se jaħdem dan il-proġett qabel ma' dawn l-ismart depots jibdew joperaw.

3.6.4 Il-Kunsill iddiskuta l-fatt li dawn l-ismart depot jafu joħolqu aktar inkonvenjent lir-residenti hekk kif diġa' daħlu ilmenti mill-magni tal-BCRS li hemm eżatt fejn l-iSmart Depots hekk kif dawn huma storbjużi ħafna.

**3.7 Leġġendarju Concert**



K mu

3.7.1 Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li saret fl-4 ta' Lulju mal-ALS Malta rigward il-kunċert Leġġendarju li ser jittella' fid-9 ta' Awwissu. Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew ippreżentanti tlett kwotazzjonijiet li fuqhom il-Kunsill kien qed jiġi mitlub jikkollabora. Il-Kunsill iddiskuta li dan il-kunċert kien qed jittella' għal għan nobbli ħafna u għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill kellu jikkollabora.

3.7.2 Saret diskussjoni fuq kemm għandha tkun il-kollaborazzjoni bil-Viċi Sindku jissuġġerriexxi li l-kollaborazzjoni kellu tkun €5,000 bħas-sena ta' qabel. Il-Kunsill finalment qabel li l-kollaborazzjoni ma kellix teċedi dik mitluba, €4,561 biex jinkera l-iscreen, reklamar fuq Gozo Channel u air-time fuq l-istazzjon nazzjonali. Il-Kunsill qabel li l-logo tal-Kunsill għandu jidher fuq kull materjal promozzjonali.

## 3.8 Festa

3.8.1 Is-Sindku rreferra għat-tindif ta' wara l-marċijiet u l-ħasil tal-pjazza fil-jiem tal-festa wara li fil-laqgħa mal-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar kien ġie konfermat li din is-sena l-istess ministeru ma kienx se jkun qed jassisti f'din l-ispiża. Wara li ġiet diskussa l-ispiża tat-tindif tas-sena li għaddiet, il-membri tal-Kunsill qablu li kellha toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni minnufih fuq l-EPPS. Il-Kunsilliera Leanne Micallef irrimarkat li għandu jsir tindif ukoll fil-playingfield.

3.8.2 Is-Sindku ppropona li l-kiosks tal-ikel jarmaw fil-bandli u fid-daħla tal-boċċi minflok fil-bidu ta' Vjal It-8 ta' Settembru biex b'hekk jitnaqqas iċ-ċans ta' xi inċident b'nies fit-triq waqt li jixtru l-ikel u traffiku għaddej. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellu jsir eżerċizzju biex wieħed jara kemm joqogħdu *kiosks* fil-bandli u trakkijiet tal-ikel fid-daħla tal-boċċi. Wara li s-sidien tal-*kiosks* japplikaw għall-permess jekk ikun hemm aktar applikanti kellhom imbagħad jittelgħu bil-polza.

3.8.3 Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar rreferra għall-bars li jarmaw fuq il-bankina kull sena waqt il-festa u talab li l-permess ma joħroġx b'talli mod li jingħalaq l-aċċess tal-bankina. Il-Kunsillier Dr Cutajar talab li waqt li t-triq tkun miftuħa l-bankina għandha tibqa' aċċessibli. Is-Sindku spjega li dan hu ġa fis-seħħ hekk kif permess ta' bar ma jeżistix fis-sistema ta' permessi u jiġu mniżżla diversi kundizzjonijiet li sfortunatament ma jżommux magħhom is-sidien.

3.8.5 Il-Viċi Sindku Aaron Agius issuġġerriexxa li jkun hemm żewġ *securities* mal-Għar ta' Għejżu wara li s-sena l-oħra n-nies ħallew ħafna ħmieġ u anke tellgħu f'dan is-sit storiku.

3.8.6 Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar rreferra għall-gates ta' Trejqet Ġorġ Cini u anke l-isqaq tal-Bużajk u waqt li rrimarka li dawn saru biex jinqatgħu l-abbużi sfortunatament dawn qed jitħallew miftuħa waqt il-jum. Il-Kunsillier Dr Cutajar talab li tinġibed l-attenzjoni biex min-naħa ta' Triq Maria Bambina l-ganċetta titwaħħal aktar 'il ġewwa biex ma jinħoloqx periklu bix-xatba tperper. In-naħa ta' Triq Tiġrija, ix-xatba għandha tinfetaħ 'il ġewwa.

3.8.7 Il-Kunsill iddiskutta fit-tul fejn kienu se jitpoġġew il-*mobile toilets* hekk kif preżentement ma hemmx latrina pubblika u l-istabbilimenti minkejja li fuq il-permess ikun hemm il-kundizzjoni li jridu jkollhom it-*toilets* aċċessibli ftit li xejn jagħtu kas. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat issuġġeriet li jinkrew mobile toilets fuq *trailer* u jitpoġġew fil-grawnd tal-iskola. Il-Kunsill qabel



mx
VC

li kellha tinġieb kwotazzjoni hekk kif il-problema ta' dawn it-*toilets* tibqa' li ħadd ma jridu quddiem ir-residenza tiegħu.

3.8.8 Il-Kunsillier Dr Christian Zammit staqsa lis-Sindku jekk kinitx saret il-laqgħa mal-Kumitat tal-festa. Is-Sindku wieġeb li din kienet għadha ma saritx.

**3.9 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni-**

**TXLC 01/2024 Tender For The Services Of Architect Contracts Manager**

**TXLC 02/2024 Supply And Delivery Of An Electric Van For Xaghra Local Council**

3.9.1 Is-Sindku ppropona li fuq it-Tender tal-Perit għandhom joqogħdu Chairperson is-Sur Ivan Attard, Segretarju Marion Attard u evalwaturi l-accountant Anthony Farrugia, l-avukat Larry Formosa u l-Perit Mariella Xuereb.

3.9.2 Is-Sindku ppropona li fuq it-Tender għal Electric Van għandhom joqogħdu Chairperson is-Sur Ivan Attard, Segretarju Marion Attard u evalwaturi l-accountant Anthony Farrugia, l-avukat Larry Formosa u s-Sur Paul Xuereb.

**3.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

3.10.1 Il-*minority leadar* Dr Francienne Muscat rreferriet għat-talba mill-Għaqda tal-Armar biex tinstab soluzzjoni biex il-mera li hemm fit-telgħa tas-Sellum ma ttellifx huma u joħorġu u jinġabar l-armar. Is-Sindku spjega li kienu kellmu anke lura u l-aħjar soluzzjoni tkun li tinqala' sakemm joħorġu u jdaħħlu l-armar u imbagħar terġa' titwaħħal. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.10.2 Il-Kunsilliera Dr Muscat rrefferriet għal-*floodlights* tal-knisja li kienu ilhom mitfija. Is-Sindku spjega li dawn diġa' kienu rrapurtati ma' numru oħra ta' bozoz oħra li qed jieħdu xhur biex jissewwew mill-kuntrattur. Is-Sindku ppropona li għal ġid tal-komunita' jinstab kuntrattur ieħor hekk kif mhux qed jingħata servizz tajjeb mill-kuntrattur attwali anke jekk dan suppost imur isewwi fi żmien tlett tijiem tax-xogħol. Il-Viċi Sindku rribatta li dan ma jistax isir hekk kif inkella l-Kunsill ikun qed jikser il-kuntratt li hemm mar-Reġjun. Is-Segretarju spjegat li dan mhux il-każ hekk kif il-kuntratt li għandu r-Reġjun t'Għawdex ma' dan il-kuntrattur ilu skadut aktar minn seba' snin. Il-Kunsill qabel li kellu jipproċedi billi jqabbad kuntrattur ieħor li jkun jista' jirranġa l-ħsarat preżenti. Is-Sindku pjega li skond l-aħħar laqgħa tar-Reġjun sejħa għall-offerti kienet ser joħroġ f' Ottubru li ġej.

3.10.3 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat rreferiet għal bżonn ta' *zebra crossing* fi Vjal It-8 ta' Settembru fejn l-iscouts. Il-Kunsill iddiskutta li din ġiet irrifjutata fil-passat minħabba li hemmhekk tiġi eżattament ma' liwja u tkun ferm perikoluża. Il-Kunsiller Dr Kevin Cutajar ppropona li ż-zebra crossing isir quddiem l-Għar ta' Għejżu b'rampa ma' ġenbha. Il-Kunsilliera



VC
MA

Dr Francienne Muscat ipproponiet li jsiru ukoll tabbelli li jimmarkaw *over-speeding*. Is-segretarju ħadet nota biex tiċċekja dwar dawn it-tabelli elettroniċi. Il-Kunsillier Dr Cutajar ippropona li jsir traffic management fuq Vjal It-8 ta' Settembru li b'mod partikolari jindirizza fejn l-aħjar post li ssir *zebra crossing*. Is-segretarju ħadet nota biex tiċċekja jekk hemmx pjanta eżistenti fuq din it-triq.

3.10.4 Il-*minority leadear* Dr Francienne Muscat rreferiet għal sewqan eċċessiv fi Triq Karkar u Triq Ta' Brieret. Il-Kunsill iddiskutta li idealment anke fuq dawn it-toroq isir *traffic management.*

3.10.5 Il-Kunsillier Dr Christian Zammit talab li waqt il-laqgħa mal-Community Policing, il-Kunsill kellu jitlob l-assistenza tal-pulizija bl-ispeed guns f'diversi toroq fix-Xagħra biex b'hekk jiġu kkontrolat is-sewqan eċċessiv.

3.10.6 Il-Kunsilliera Marion Portelli ppproponiet li l-Kunsill għandu jikkunsidra li japplika taħt diversi sejħiet għall-Fondi Ewropej biex isiru investiment varji. Is-Sindku spjega li preżentament kien hemm Miżura 4.4 taħt il-GAGF miftuħa li hi mmirata li ttejjeb l-għixien taż-żgħażagħ u *young families* f'Għawdex. Is-Sindku spjega li kien diġa' avviċina lill-klabb tal-futbol u l-iscouts biex jidħlu sħab mal-Kunsill taħt din l-applikazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jirranġa l-bandli billi jinbidlu t-tapiti f'*rubber flooring* sħiħ u jiżdied il-*play equipment*. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jmexxi b'din l-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa x'kien ser isir mit-tapiti li għadhom fi stat tajjeb. Is-Sindku spjega li fl-eventwalita' li din l-applikazzjoni tiġi aċċettata dawn jinqalgħu u jintrefgħu biex jiġu utillizati bnadi oħra.

Il-Kunsillier Leanne Micallef u l-Kunsilliera Dr Francienne Muscat talbet li hi tkun preżenti waqt il-laqgħa fejn jiġi magħżul il-play equipment hekk kif il-bandli hu nieqes minn *adventure play, calming corner* u anke *sensory play.* Il-Kunsillier Dr Francienne Muscat tablet li jkun aktar sigurta' u għalhekk ġie propost li jsir *fence* b'kuluri pasteli madwar il-bandli biex joffri aktar sigurta'.

*8.38pm Peress li kienu għaddew tlett sigħat mill-bidu tal-laqgħa, ittieħed vot biex setgħet tiġi estiża l-laqgħa. Il-Viċi Sindku kkomunika li hu ma setax joqgħod minħabb impenji oħra. Il-membri l-oħra preżenti qablu li l-laqgħa kellha tiġi estiża.*

**3.11 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti;**

3.11.1 19.04.2024 Korrispondenza mis-Sur Joseph Bajada segretarju tas-Soċjeta Filarmonika "Victory" għall-kollaborazzjoni tal-programm tal-Banda fit-3 ta' Settembru bl-ammont ta' €2000 biex jinkera s-*sound.* Din it-talba ġiet approvata.

3.11.2 13.04.2024 Korrispondenza mill-Għaqda tal-Armar 2 ta' Settembru 1973 fejn qed jitolbu li l-wegħda għall-kollaborazzjoni bl-ammont ta' €2,300 għar-restawr tintuża biex isir statwa ġdida ta' Malta Rebbieħa hekk kif il-ħsarat huma avvanzati ħafna li ma tistax tiġi rrestawrata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.



mu
VC

3.11.3 22.05.2024 Invit għal żewġ rappreżentanti mill-Kunsill tax-Xagħra biex jattendi l-Festival tat-Tin f'Atessa mid-9 sal-11 t'Awwissu 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut waqt li l-membri kellhom jaraw jekk jistgħux jattendu.

3.11.4 25.06.2024 Ittra mid-Direttur ta' Voci Angeliche biex jittella' il-kunċert tal-Milied nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċemrbru fil-Bażilka tax-Xagħra. Il-Kunsilliera Marion Rita Portelli iddikjarat kunflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel li kellu jikkollabora f'dan l-avveniment.

3.11.5 27.06.2024 Imejl mid-Dentist Joseph Xuereb jiġbed l-attenzjoni tal-istat ħażin tal-parti li minn Triq L-Għejun tgħaqqad ma' Triq Għajn Hosna hekk kif it-triq nieżla. Il-Kunsill iddiskutta li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar ġibed l-attenzjoni għall-kantuni mwaqqgħin fl-istess triq biex anke tinġibeld l-attenzjoni fuq dawn ukoll.

3.11.6 01.07.2024 Talba għall-kollaborazzjoni mill-Għaqda tan-Nar Xagħra biex jittella' BBQ nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li jikkollabora spiża li ma teċċedix il-€500.

3.11.7 01.07.2024 Stedina għall-konferenza "Il-Familja u l-Addiction" mill-Fondazzjoni Oasi nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju fit-8.30am.

3.11.8 01.07.2024 Ittra mill-Kunsilliera Dr Franicenne Muscat fejn infurmat lill-Kunsill li teżisti relazzjoni familjari bejna u bejn l-impjegata klerikali Cheryl Lee Ann Bajada. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.11.9 02.07.2024 Ittra mill-Għaqda Briju 1973 b'talba biex il-Kunsill jikkoloborra fir-restawr tal-Umbrellun liema spiża tammonta għal madwar €10,000. Il-Kunsill qabel li jikkolabora bl-ammont li ma jeċċedix l-€1,000.

3.11.10 02.07.2024 Imejl mis-Sur Theuma f'isem l-Għaqda Kumittiva Għawdex għall-kollaborazzjoni fit-tieni edizzjoni tal-attivita' Kalipso. Il-Kunsilliera Leanne Micallef iddikjarat konflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel li jikkollabora billi jħallas lil Grupp Ta' Verna bl-ispiża li tlaħħaq it-€350.

3.11.11 10.07.2024 Imejl mis-Sur Angelo Bonello biex jitneħħew il-bins tal-BCRS minħabba l-inkonvenjent li qed iġarrbu huma bħala residenti. Il-Kunsill iddiskutta li l-problema tibqa' biex jinstab post alternattiv imma kellu jitkellem mal-kumpanija responsabbli fuq il-possibbiltà' li jinstab post alternattiv.

3.11.12 Talba mis-Sa Mariah Agius fejn qed titlob li l-Kunsill jkun sponsor b'€150 għal parteċipazzjoni tagħha f'Miss Maltese Beauty 2024. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li l-Kunsill għandu jikkolaborra.

3.11.13 Talba mis-Sur Frans Sultana għan-nom ta' ħuh li jgħix l-Awstralja biex isiru tabelli li jipprojbixxu trakkijiet kbar milli jgħaddu minn Triq Bertrija hekk kif ġarrbu ħsara fil-faċċata tlett darbiet. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit spjega li hu bħala resident f'din it-triq kien l-aktar resident li ġarrab ħsarat imma jibqa' l-fatt li m'hemmx triq oħra minn fejn jistgħu jgħaddu dawn it-trakkijiet ta' kostruzzjoni. Madanakollu il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li għandhom isiru tabelli tan-*no heavy vehicles* u jara hux possibli li ssir lasta min-naħa għan-naħa oħra tat-triq tal-plastik li tindika l-għoli ta' trakkijiet permess li jgħaddi mill-istess triq..



VK
MG

3.11.14 Talba mis-sid tal-kiosk fi Ġnien Il-Mitħna biex jinkera mobile toilet u jittranġa d-dawl fil-ġnien ta' ħdejn il-mitħna. Is-Sindku spjega li d-dawl kienu ġa ilu ġimgħat irrapurtat imm jidher li bozza għal dawn it-tip ta' fanali m'hawnx fis-suq. Il-kuntrattur kellu jiċċekja jsibx u f'każ li le jkollhom jinbidlu l-fanali. Rigward il-fatt li m'hemmx latrini f'dan il-ġnien il-Kunsiller Dr Kevin Cutajar ippropona li ssir struttura tal-injam u fiha jinħbew il-mobile toilets. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill irid iġib il-permessi għal din l-istruttura tal-injam. Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill kellu jidħol fi ftehim mas-sid biex waqt li dawn il-mobile toilets aċċessibi għal-pubbliku inġenerali jinkrew mill-Kunsill dawn jitnaddfu mis-sid tal-gabbana li se jkun qed jiggwadanja mill-mobile toilets ukoll. .

3.11.14 Talba għal *shifting* ta' bozza 069/63 fi Triq Sant'Anton minħabba kostruzzjoni. Il-Kunsill approva li din kellha teħel faċċata ta' fejn tinstab bħalissa.

3.11.15 Talba minn Michelina Sultana Triq Ġnejna biex isir double yellow line quddiem l-intrata. Ir-residenti għandha problema ta' mobilta' u bil-karozzi pparkjati qed tkun problema li tidħol u toħroġ mid-dar. Il-Kunsill qabel li jmexxi din it-talba ma' TM.

3.11.16 Talba għal-linji doppji sofor quddiem l-intrata ta' Lourdes ta' Anna Bartolo, Triq Ġużeppi Grech hekk kif ir-residenti jkollok bżonn l-użu tal-ambulanza. Is-Sa Bartolo kienet qed titlob ukoll li jsiru 2 kaxxi bojod għal parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bit-talba tal-linji sofor ma' TM waqt li rrifjuta li jsiru l-kaxxi bojod hekk kif dawn iridu jsiru fit-triq kollha u mhux quddiem ta' residenta waħda biss.

3.11.17 Talba mis-Sinjuri Galea biex isir bozza ġdid fi Triq Għajn Hosna. Il-Kunsill qabel li kellu jara mar-residenti stess jekk isibux oġezzjoni biex din teħel mal-faċċata.

3.11.18 Talba biex isir routing biex il-bus tibda tinżel fejn l-Għar ta' Calypso u Cornucopia. Il-Kunsill kellu jmexxi bit-talba ma' Transport Malta.

3.11.19 Talba biex isir zebra crossing bil-paws Pjazza Il-Kortoll u tabella *Do not feed the cat.* Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bit-tabella. Rigward iz-zebra crossing il-Kunsill kellu jiċċekja ma' Transport Malta.

3.11.20 Il-Kunsiller Dr Kevin Cutajar talab li jinzabgħu sinjali *go slow* quddiem ta l-ismall boy fi Triq Marsalforn hek kif it-tabelli mhumiex daqshekk effettivi.

3.11.21 Is-Sindku rreferra għat-talba għal 5 bankijiet fuq il-bankina fejn il-Ggantija. Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew ppreżentati 3 kwotazzjonijiet għal dawn il-bankijiet waqt li s-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jmexxi mal-irħas. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan. Il-Kunsill Dr Kevin Cutajar talab li qabel mal-Kunsill imexxi jara li l-bankina tibqa' aċċessibli skont is-CRPD. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

3.11.22 Il-Kunsilliera Marion Portelli rrefferriet għat-talba li kellha minn Xagħrin biex tiżdied tabella tal-*One Way* fil-bidu ta' Triq 28 t'April hekk kif hemm min xorta ma jarax it-tabella li hemm man-naħa tal-pompa tal-petrol. Il-Kunsill iddiskutta li l-problema tibqa' li ħadd ma jkun irid it-tabella mal-faċċatta.



MG
VC

**3.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u**

3.12.1 L-iskeda ta' pagamenti kienet ġiet iċċirkolati qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

3.12.2 Il-Kunsillieri Dr Francienne Muscat, Dr Kevin Cutajar u Leanne Micallef assestjenew milli japprovaw il-lista ta' pagamenti peress li dawn kienu jinkludi spiża tal-leġislatura preċedenti.

3.12.3 Is-Sindku Victor Curmi, Kunsilliera Marion Portelli u Kunsillier Dr Christian Zammit approvaw l-iskeda ta' pagamenti .

**3.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9.38pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Awwissu 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum 17 ta' Awwissu 2024

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**Marion Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**